Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2018

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex il-Knisja tapprezza l-urġenza tat-taħriġ fid-dixxerniment spiritwali sew fuq livell personali kif ukoll fuq livell komunitarju.**

**Ninġabar:**

Ninġabar fil-kwiet u nħoss in-nifs waqt li qed nieħdu 'l ġewwa u 'l barra bil-mod. Ninfetaħ għall-preżenza ta' Alla. Waqt li nidħol bil-mod f'dan il-mument ta' talb, nitlob lil Alla għall-grazzja tad-dixxerniment - kemm għalija stess kif ukoll għall-Knisja kollha.

**Fatt ċkejken:**



Lainey, binti ta' erba' snin u nofs, kienet fil-parapett ixxejjer lil sħabha hekk kif dawn kienu se jitilqu wara li qagħdu jilagħbu flimkien. Bdejt naraha mit-tieqa tal-kamra fejn kont qed naħsel il-ħwejjeġ. Meta sħabha telqu u kienet dieħla lura lejn il-garaxx, rajtha xi ftit imnikkta. Imma hekk kif daħlet mill-bieb ta' wara tad-dar, rajtha titbissem u marret tiġri tagħmel xi ħaġa oħra. Waqt li għaddejt minn ħdejha, bi fliskatur mimli ħwejjeġ nodfa, Lainey qaltli bil-kalma kollha: "Ma, Alla kellimni waqt li kont taħt is-siġar." "Tajjeb, u x'qallek?" staqsejtha. "Qalli, 'Ma jimpurtax meta ħbiebek jitilqu,'" weġbitni fil-pront. Tbissimt waqt li għidtilha: "Eee, mela għalhekk kont qed titbissem meta dħalt ġewwa. Kont qed nitħasseb għaliex kont naf li se tħossok imdejqa meta sħabek jitilqu lura d-dar." Ħadt gost li Lainey semgħet lil Alla u kienet lesta li tħallih ifarraġha. Meta nikbru, ikollna t-tendenza li bħal donnu nittarrxu għal dak il-leħen "li jkellimna meta nkunu taħt is-siġar." Kemm hu iebes li nsiru bħat-tfal iż-żgħar u nerġgħu nitgħallmu nisimgħu mill-ġdid. Xi kultant naħsbu li Alla hu silenzjuż fil-ħajja tagħna. Kif nista' niddixxerni l-vuċi u r-rieda ta' Alla? Alla xi jrid minni? Alla jimpurtah minn dak li jkun għaddej fil-ħajja tiegħi? Alla għadu jitkellem? Min jista' jgħini f'dan id-dixxerniment biex nisma' lil Alla jkellimni?

**Naħseb ftit:**

Il-Knisja kif qed tgħix id-dixxerniment spiritwali fiż-żminijiet tal-lum?
Kif niddixxerni l-leħen ta' Alla ġewwa fija u madwari?
Infittex għajnuna minn xi ħadd fil-Knisja stess?

**Nitlob:**

Alla Missier, għinna biex inkunu nies kapaċi nisimgħu dak li Int tixtieq tgħidilna u li tkun qed titlob minna, kemm fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja personali tagħna kif ukoll fil-ħajja tal-Knisja u tas-soċjetà tal-lum, li tidher qiegħda tant titbiegħed minnek.

**Kliem ta' dawl:**

"Fost ħafna affarijiet u ideat ġodda tal-lum, aħna l-Insara għandna nkunu nafu niddixxernu – nagħżlu ħaġa minn oħra, liema hu l-inbid it-tajjeb li ġej minn Alla, liema hu dak li ġej mill-ispirtu tad-dinja u mill-ispirtu ħażin tax-xitan" *Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**

Matul dan ix-xahar, nipprova nsib ftit ħin ta' kwiet u nirrifletti fejn fil-ħajja tiegħi għandi bżonn nagħmel dixxerniment aħjar tar-rieda ta' Alla għalija. Infittex l-għajnuna ta' gwida jew direttur spiritwali u nitkellem miegħu/magħha, filwaqt li nħalli lil Alla jurini t-triq.